# SITT SUNETTI TA' Ġ. AQUILINA

## SHAB IL-HOLM

*Sħab abjad qisu gawwi jħuf mar-riħ*
*Fuq ġwienaħ jiddu mifruxin fid-dawl,*
*Sħab iswed, rix l-għorab jonkella ċ-ċawl,*
*Jinġama' waħda waħda bla mistrieħ,*
*U l-għajn ferħana żżewwaq dat-tixbib*
*Ta' ħolm is-sħab li jleħħnu, b'nifsbom, qawl*
*Fuq sejf tan-nar li ħaraq ruħ San Pawl*
*Meta ra 'l Alla w wiċċu far u sbieħ.*

*Madwar is-sħab jinġabar qajl is-skiet,*
*Jikber u jogħla bħal muntanja kbira*
*Li minn ġo fiha tleħħ nirien ta' dija.*
*Jekk tgħidli li dan qerq ta' Att l-Imwiet*
*Fwar u tbewdin ta' Ruħ marbuta lsira*
*Jien xorta ngħidlek tħalli dal-qerq fija.*

19.iii.62

## ~~IL-HAJJA~~

~~*Mgħottija resqet fuqi; bħal tarbija*~~
~~*Qabditni mn'idi w qaltli: Ejja wrajja.*~~
~~*Min int saqsejtha? Wieġbet: Jien il-Hajja*~~
~~*Ittawwal bħal ġo ħġieġa minn ġo fija.*~~
~~*Għamilt kif qaltli. Id-dalma ta' fl-għaxija*~~
~~*Għall-ewwel satret il-widien u t-tlajja'.*~~
~~*'Ma dlonk quddiemi debret kollha l-ġrajja*~~
~~*Ta' jasar u ta' qerq ulied il-ħtija.*~~

~~*Tbikkimt u bkejt għax ħlomt il-ħajja safja*~~
~~*Bħan-nida fuq il-ġezza ta' ħaruf*~~
~~*U logħob ta' lwien bħax-xemx ta' ġol-qawsalla*~~
~~*Għadabt, tnikkitt, ħassejt ġo qalbi għafja*~~
~~*Għad-debra ta' dal-ħażen mbux magħruf.*~~
~~*Għajjatt: "Hallili għall-anqas tama f'Alla!"*~~

~~19.iii.62~~